C/2026/4985

25.9.2026

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-23 ta' Lulju 2026

relatat ma' deċiżjoni skont l-Artikoli 29(1), il-punt (a), 30(1), il-punt (a), u 31(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2022/1925

(Il-Każ DMA.100193 – Alphabet – Magna tat-tiftix online – Google Search – L-artikolu 6(5))

(innotifikat bin-numru tad-dokument C(2026) 5358 final)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2026/4985)

Fit-23 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikoli 29(1), il-punt (a), 30(1), il-punt (a), u 31(1), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). *F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2022/1925, il-Kummissjoni b'dan qiegħda tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni, wara li kkunsidrat l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.*

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Id-Deċiżjoni ta' nuqqas ta' konformità (id-"Deċiżjoni") tistabbilixxi s-sejbiet tal-Kummissjoni li Alphabet mhijiex konformi mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925 b'rabta mas-servizz ewlieni ta' pjattaforma ("CPS") tal-magna tat-tiftix online ("OSE") tagħha tal-Google Search. Alphabet tittratta s-servizzi tagħha stess b'mod iktar favorevoli fil-klassifikazzjoni meta mqabbla ma' servizzi simili ta' partijiet terzi. Id-Deċiżjoni tirreferi għal-lista li ġejja tas-servizzi ta' Alphabet: Is-servizzi tat-tqabbil tax-xiri ta' Alphabet, is-servizz tal-intermedjazzjoni tat-titjiriet tagħha, is-servizz tal-intermedjazzjoni tal-ferroviji, is-servizz tal-intermedjazzjoni tal-akkomodazzjoni, is-servizz tal-intermedjazzjoni tal-postijiet, Google Maps, is-servizz tat-traduzzjoni ta' Alphabet, is-servizz tal-informazzjoni tal-isport tagħha u s-servizz tal-logħob elettroniku tagħha.

(2) B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni tordna lil Alphabet ttemm in-nuqqas ta' konformità fi żmien 60 jum min-notifika tad-Deċiżjoni, timponi multa fuq Alphabet, kif ukoll pagamenti perjodiċi ta' penali potenzjali jekk Alphabet tonqos milli tikkonforma mal-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija stabbilit fid-Deċiżjoni.

2. **QAFAS LEGALI**

(3) Skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925, gwardjan ma għandux jittratta b'mod iktar favorevoli, fil-klassifikazzjoni u fl-indiċjar u fil-crawling relatati, servizzi u prodotti offruti mill-gwardjan innifsu meta mqabbla ma' servizzi jew prodotti simili ta' parti terza. Il-gwardjan għandu japplika kundizzjonijiet trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji għal tali klassifikazzjoni.

(4) L-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2022/1925 jiddefinixxi "klassifikazzjoni" bħala "*(...) ir-rilevanza mogħtija lir-riżultati tat-tiftix minn magni tat-tiftix online, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-impriżi li jipprovdu (...) magni tat-tiftix online, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal tali preżentazzjoni, organizzazzjoni jew komunikazzjoni u irrispettivament minn jekk jiġix ippreżentat jew ikkomunikat riżultat wieħed biss*".

(5) L-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE) 2022/1925 jiddefinixxi l-OSEs b'referenza għall-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala "*servizz diġitali li jippermetti lill-utenti jdaħħlu talbiet biex iwettqu tiftix, fil-prinċipju, tas-siti web kollha, jew tas-siti web blingwa partikolari kollha, abbażi ta talba dwar kwalunkwe suġġett fil-forma ta kelma muftieħ, talba bil-vuċi, fraži jew input ieħor, u li tagħti lura riżultati fi kwalunkwe format ta' fejn tista tinstab informazzjoni relatata mal-kontenut mitlub*".

([1]) Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

([2]) Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1150/oj).

(6) Għalhekk, Alphabet ma tikkonformax mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925 f'każijiet meta: (i) Alphabet toffri servizz li jkun distint minn Google Search jew addizzjonali għalih, u li jkun ikklassifikat minn dik l-OSE; (ii) partijiet terzi joffru servizzi simili għas-servizz distint jew addizzjonali ta' Alphabet u tali servizz tal-partijiet terzi jkunu kklassifikati wkoll mill-OSE; u (iii) Alphabet tittratta s-servizz distint jew addizzjonali tagħha stess b'mod iktar favorevoli fil-klassifikazzjoni minn dawk is-servizzi simili offruti minn partijiet terzi.

3. **Il-valutazzjoni tal-kummissjoni**

(7) Il-Kummissjoni tikkonstata li Google Search fl-UE ma tikkonformax mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-paġna tar-riżultati tal-magna tat-tiftix ("SERP") ta' Google Search tikklassifika firxa ta' servizzi ta' Alphabet stess li jikkostitwixxu servizzi distinti minn Google Search u li huma kklassifikati b'mod iktar favorevoli minn servizzi simili ta' partijiet terzi.

(8) L-ewwel nett, dan japplika għal Google Maps. Google Maps hija ddeżinjata bħala servizz ta' intermedjazzjoni online skont ir-Regolament (UE) 2022/1925 u għaldaqstant tikkostitwixxi servizz distint minn Google Search. Servizzi simili ta' partijiet terzi (jiġifieri, servizzi oħra ta' mmappjar) jiġu kklassifikati wkoll fl-SERP. Madankollu, peress li l-buttuna tad-direzzjonijiet u l-buttuna tal-indirizz huma riżervati esklużivament għal Google Maps, servizzi simili ta' partijiet terzi jiġu kklassifikati b'mod inqas favorevoli.

(9) It-tieni, unitajiet oħra murija b'rispons għal tfittxijiet tranżazzjonali (jiġifieri, l-unità tar-reklami tal-prodotti, l-unità tal-prodotti, l-unità tal-linji tal-ajru, l-unità tal-ferroviji, l-unità tal-akkomodazzjoni u l-unità tal-postijiet) jikkostitwixxu wkoll servizzi distinti. L-ewwel u qabel kollox, dawn l-unitajiet iservu skop li jmur lil hinn mit-tiftix ġenerali. Il-wiri standardizzat ta' offerti kompetituri b'dettalji kummerċjali bħall-prezzijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-reċensjonijiet jippermetti lill-utenti jqabblu l-offerti direttament fuq l-SERP. F'kull każ, Google Search turi wkoll l-hekk imsejħa query shortcut chips taħt l-istrixxun tat-tiftix, li permezz tagħhom l-utenti jistgħu jirfinaw it-tfittxija tagħhom. Fir-rigward ta' tfittxijiet relatati mal-ivvjaġġar, l-unità tat-titjiriet, l-unità tal-ferroviji u l-unità tal-akkomodazzjoni jiġu b'chips li jippermettu lill-utenti jagħżlu d-dati tal-ivvjaġġar u l-għadd ta' mistednin minn menu li jinżel. It-tieni, dawn l-unitajiet ma jiġux miġbura billi jsir tiftix, bħala prinċipju, tas-siti web kollha. Minflok, ikunu miftuħa biss għal sett limitat ta' siti web li, pereżempju, jipprovdu lil Alphabet b'feeds tad-data. F'kull waħda minn dawn il-kategoriji, l-SERP tikklassifika wkoll servizzi simili ta' partijiet terzi. Dan jinkludi għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet, metamagni tat-tiftix u pjattaformi ta' prenotazzjoni offruti minn partijiet terzi. Għad-differenza ta' dawn, is-servizzi ta' Alphabet stess jintwerew b'format rikk fuq ir-riżultati organiċi, jiġifieri, jiġu kklassifikati b'mod iktar favorevoli.

(10) It-tielet, l-unitajiet murija b'rispons għal tfittxijiet relatati mal-kontenut (l-unità tat-traduzzjoni, l-unità tal-isport u l-unità tal-logħob) jikkostitwixxu servizzi distinti minn Google Search. Dawn iservu skop differenti minn OSE u ma jiġux miġbura billi jitwettqu tfittxijiet, fil-prinċipju, tas-siti web kollha. L-unità tat-traduzzjoni, inkluż il-funzjonalitajiet tagħha relatati mat-traduzzjoni, tixbah servizz tat-traduzzjoni online jew dizzjunarju li jiddependi fuq it-teknoloġiji u d-data liċenzjata ta' Alphabet stess. L-unità tal-isport tipprovdi ammont kbir ta' informazzjoni liċenzjata dwar it-timijiet sportivi, l-iskeda tal-partiti u l-klassifika tal-kampjonati. L-unità tal-logħob tippermetti lill-utenti jilagħbu logħob ikkodifikat minn Alphabet direttament fuq l-SERP. Għal kull wieħed minn dawn is-servizzi, hemm servizzi simili ta' partijiet terzi li jiġu kklassifikati fuq l-SERP, jiġifieri, servizzi tat-traduzzjoni online, servizzi tal-informazzjoni tal-isport u siti web tal-logħob. Għall-kuntrarju ta' dawn is-servizzi, is-servizzi ta' Alphabet stess jintwerew b'mod prominenti fuq l-SERP u għalhekk jiġu kklassifikati b'mod iktar favorevoli.

4. **ORDNI TA' WAQFIEN U EBDA TKOMPLIJA**

(11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tordna lil Alphabet, skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925, biex ittemm b'mod effettiv in-nuqqas ta' konformità fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni.

(12) Sabiex tagħmel dan, jenħtieġ li Alphabet tiżgura trattament ugwali bejn, minn naħa waħda, is-servizzi distinti jew addizzjonali tagħha stess ikklassifikati fuq Google Search, u min-naħa l-oħra, servizzi simili offruti minn partijiet terzi li jiġu kklassifikati wkoll fuq Google Search.

(13) Huwa f'idejn Alphabet li tidentifika u timplimenta l-miżuri biex tiżgura l-konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Waħda mill-firxa ta' possibbiltajiet biex tagħmel dan hi li Alphabet tista' testendi l-prominenza li tagħti lis-servizzi distinti jew addizzjonali tagħha stess b'mod ugwali għal servizzi simili offruti minn partijiet terzi. Min-naħa l-oħra, Alphabet tista' tneħħi kull prominenza li toffri lis-servizzi distinti jew addizzjonali tagħha stess.

(14) Minbarra li ttemm in-nuqqas ta' konformità, Alphabet jenħtieġ li timplimenta miżuri li jipprevjenu r-rikorrenza tan-nuqqas ta' konformità.

5. **MULTI U ĦLASIJIET PERJODIĊI TA' PENALI**

(15) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-Deċiżjoni timponi multa ta' EUR 460 000 000 fuq Alphabet skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Il-multa imposta ma taqbiżx il-massimu permess ta' 10 % tal-fatturat dinji ta' Alphabet, skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925.

(16) Id-Deċiżjoni tindika wkoll li jekk Alphabet tonqos milli tikkonforma mal-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija, Alphabet għandha ġġarrab pagamenti perjodiċi ta' penali li ma jaqbżux il-limitu stipulat fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925

6. **KONKLUŻJONI**

(17) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-Deċiżjoni tikkonstata li l-klassifikazzjoni fuq Google Search ma tikkonformax mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Għal din ir-raġuni, id-Deċiżjoni timponi multa fuq Alphabet. Id-Deċiżjoni timponi wkoll ordni ta' waqfien u ebda tkomplija fuq Alphabet biex ittemm il-ksur fi żmien 60 jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni u tistabbilixxi li Alphabet għandha ġġarrab pagamenti perjodiċi ta' penali fil-limiti tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2022/1925 jekk tonqos milli tikkonforma mad-Deċiżjoni.